



KUNSILL EWROPEW

**Brussell, 25 ta' Jannar 2011
(OR. en)**

**EUCO 30/1/10
REV 1**

**CO EUR 21
CONCL 5**

NOTA TA' TIFSIR

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil: Delegazzjonijiet
Suġġett: **KUNSILL EWROPEW
16-17 ta' DIĊEMBRU 2010**

KONKLUŻJONIJIET

Id-delegazzjonijiet isibu mehmużin il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew (16-17 ta' Diċembru 2010).


Matul il-kriżi, ħadna azzjoni deċiżiva sabiex tiġi preservata l-istabbiltà finanzjarja u jiġi promoss ir-ritorn għal tkabbir sostenibbli. Aħna ser inkomplu nagħmlu dan u l-UE u ż-żona tal-euro ser joħorġu mill-kriżi aktar b'saħħithom.

Il-prospetti tat-tkabbir qegħdin jissaħħu u l-elementi fundamentali tal-ekonomija Ewropea huma sodi. L-għodod temporanji ta' stabbiltà stabbiliti aktar kmieni din is-sena taw prova tal-utilità tagħhom, iżda l-kriżi wriet li ma jista' jkun hemm l-ebda kompjaċenza. Huwa għalhekk li llum qbilna dwar it-test ta' emenda limitata għat-Trattat dwar l-istabiliment ta' mekkaniżmu permanenti futur għas-salvagwardja tal-istabbiltà finanzjarja taż-żona tal-euro kollha. Din l-emenda għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2013. Tennejna wkoll l-impenn tagħna li nilħqu qbil dwar il-proposti leġiżlattivi dwar governanza ekonomika sal-aħħar ta' Ġunju 2011 bl-għan li jissaħħaħ il-pilastru ekonomiku tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja u li tkompli tiġi implimentata l-istrateġija Ewropa 2020.

I. POLITIKA EKONOMIKA

1. Il-Kunsill Ewropew laqa' r-rapport ippreżentat mill-President tiegħu b'segwitu għall-Konklużjonijiet tiegħu tat-28 u d-29 ta' Ottubru 2010. Huwa qabel li t-Trattat għandu jiġi emendat sabiex jiġi stabbilit mekkaniżmu permanenti mill-Istati Membri taż-żona tal-euro sabiex tiġi salvagwardjata l-istabbiltà finanzjarja taż-żona tal-euro kollha (Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà). Dan il-mekkaniżmu ser jissostitwixxi l-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja (EFSF) u l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Finanzjarja (EFSM), li ser jibqgħu fis-seħħ sa Ġunju 2013. Peress li dan il-mekkaniżmu huwa mfassal biex jissalvagwardja l-istabbiltà finanzjarja taż-żona tal-euro kollha, il-Kunsill Ewropew qabel li l-Artikolu 122(2) TFUE mhux ser ikun aktar meħtieġ għal finijiet bħal dawn. Għalhekk il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern qablu li m'għandux jintuża għal finijiet bħal dawn.
2. Il-Kunsill Ewropew qabel dwar it-test tal-abbozz ta' Deċiżjoni li temenda t-TFUE li jinsab fl-Anness I. Huwa ddeċieda li jniedi immedjatement il-proċedura ta' reviżjoni simplifikata prevista fl-Artikolu 48(6) TUE. Il-konsultazzjoni tal-istituzzjonijiet ikkonċernati għandha tiġi konkluża kmieni biżżejjed biex tkun tista' ssir l-adozzjoni formali tad-Deċiżjoni f'Marzu 2011, jintemmu l-proċeduri ta' approvazzjoni nazzjonali sal-aħħar tal-2012, u d-dħul fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2013.

3. Il-Kunsill Ewropew għamel appell ukoll lill-Ministri tal-Finanzi taż-żona tal-euro u lill-Kummissjoni biex jiffinalizzaw il-ħidma dwar l-arranġament intergovernattiv li jistabbilixxi l-mekkaniżmu futur sa Marzu 2011, bl-integrazzjoni tal-karatteristiċi ġenerali li jinsabu fid-dikjarazzjoni tal-Grupp tal-Euro tat-28 ta' Novembru 2010, li ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew (Anness II). Il-mekkaniżmu ser ikun attivat permezz ta' ftehim reċiproku tal-Istati Membri taż-żona tal-euro fil-każ ta' riskju għall-istabbiltà taż-żona tal-euro kollha.
4. L-Istati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro ser jiġu involuti f'din il-ħidma, jekk ikunu jixtiequ. Huma jistgħu jiddeċiedu li jipparteċipaw fl-operazzjonijiet imwettqa mill-mekkaniżmu fuq bażi ad hoc.
5. Il-Kunsill Ewropew għamel appell għall-aċċelerazzjoni tal-ħidma fuq is-sitt proposti leġiżlattivi dwar il-governanza ekonomika, filwaqt li tibni fuq ir-rakkomandazzjonijiet tat-Task Force li ġew approvati f'Ottubru li għadda u jinżamm livell għoli ta' ambizzjoni, sabiex ikunu jistgħu jiġu adottati sa Ġunju 2011. Huwa laqa' r-rapport tal-Kunsill dwar it-trattament tar-riforma sistemika tal-pensjonijiet taħt il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u għamel appell biex ir-rapport ikun rifless fl-ispeċifikazzjonijiet dwar l-implimentazzjoni tal-PST riformat.
6. Filwaqt li fakkar fil-Konklużjonijiet tiegħu ta' Ottubru 2010, il-Kunsill Ewropew stenna b'interess l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tagħmel proposti għall-qafas finanzjarju multiannwali l-ġdid sa Ġunju 2011 u stieden lill-istituzzjonijiet biex jikkooperaw sabiex tiġi ffaċilitata l-adozzjoni tiegħu mingħajr dewmien.
7. L-istrateġija l-ġdida Ewropa 2020 għall-impjiegi u t-tkabbir ser tkompli tiggwida lill-Unjoni u lill-Istati Membri fir-reazzjoni tagħhom għall-kriżi u fil-promozzjoni tat-twettiq tar-riformi strutturali. Il-Kunsill Ewropew laqa' l-progress miksub mit-tnedija tal-istrateġija, kif jidher fir-rapport ippreżentat mill-Presidenza.
8. Il-Kunsill Ewropew laqa' d-Dikjarazzjoni mill-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern taż-żona tal-euro u l-istituzzjonijiet tal-UE (Anness III).



II. KWISTJONIJIET OĦRA

9. Il-Kunsill Ewropew laqa' l-ewwel rapport ta' progress ippreżentat mir-Rappreżentant Għoli dwar ir-relazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mas-sħab strateġiċi tagħha. Abbażi ta' dan, il-Kunsill Ewropew stieden lir-Rappreżentant Għoli, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni u l-Kunsill Affarijiet Barranin, biex tmexxi din il-ħidma 'l quddiem f'konformità mal-Konklużjonijiet tiegħu ta' Settembru 2010, bl-istabbiliment ta' interessi Ewropej komuni u l-identifikazzjoni tal-mezzi kollha possibbli biex dawn jinkisbu. Il-Kunsill Ewropew ser jieħu kont tal-progress darba f'sena u, fejn meħtieġ, jistabbilixxi orjentazzjonijiet. It-tnedija tas-SEAE u r-rwol ta' koordinazzjoni tiegħu jipprovdu opportunità tajba biex din il-ħidma tissaħħaħ.
10. Il-Kunsill Ewropew approva l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2010 dwar it-tkabbir u qabel li jagħti lill-Montenegro l-istatus ta' pajjiż kandidat.
11. Il-Kunsill Ewropew ikkundanna l-atti ta' vjolenza mwettqa mit-tieni ċiklu 'l hawn tal-elezzjoni presidenzjali fil-Côte d'Ivoire, b'mod partikolari r-rikors għall-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili fis-16 ta' Diċembru. Huwa għamel appell b'saħħtu lill-partiti kollha biex jaġixxu b'kawtela. Huwa fakkar fid-disponibbiltà espressa mill-Qorti Kriminali Internazzjonali għal prosekuzzjoni ta' persuni responsabbli għal atti bħal dawn. Huwa għamel appell lill-mexxejja Ivorjani, kemm ċivili kif ukoll militari, biex jissottomettu ruħhom għall-awtorità tal-President elett b'mod demokratiku, is-Sur Alassan Ouattara, jekk għadhom ma għamlux dan. Huwa kkonferma d-determinazzjoni tal-UE li tiegħu miżuri ristrettivi mmirati kontra dawk il-persuni li jkomplu jostakolaw ir-rispett tar-rieda sovrana espressa mill-poplu Ivorjan.
12. Il-Kunsill Ewropew laqa' l-eżitu b'suċċess tas-COP-16 f'Cancun bħala pass importanti 'l quddiem fi sforzi globali biex jintlaħaq l-oġettiv maqbul li wieħed jibqa' taħt iż-żieda ta' 2°C fit-temperaturi globali, u nnota b'sodisfazzjoni l-implimentazzjoni b'suċċess tal-istrateġija li dwarha kien hemm qbil f'Marzu.

ABBOZZ TA' DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL EWROPEW

ta' ...

li temenda l-Artikolu 136 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' mekkaniżmu ta' stabbiltà għall-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro

IL-KUNSILL EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabblixxi l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 48(6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta għar-reviżjoni tal-Artikolu 136 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea [ippreżentata lill-Kunsill Ewropew mill-Gvern Belġjan fis-16/17 ta' Diċembru 2010],

[Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,¹]

[Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea,²]

[Wara li kiseb l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew,³]

¹ Opinjoni ta' ... (għadha mhux ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali).

² Opinjoni ta' ... (għadha mhux ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali).

³ Opinjoni ta' ... (għadha mhux ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

- (1) L-Artikolu 48(6) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) jippermetti lill-Kunsill Ewropew, li jaġixxi b'mod unanimu wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni, u f'ċerti każijiet, mal-Bank Ċentrali Ewropew, li jadotta deċiżjoni li temenda b'mod sħiħ jew parzjali d-dispożizzjonijiet tat-Tielet Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Deċiżjoni bħal din ma tistax iżżid il-kompetenzi mogħtija lill-Unjoni fit-Trattati u d-dħul fis-seħħ tagħha jiddependi mill-approvazzjoni sussegwenti tal-Istati Membri f'konformità mar-rekwiżiti kostituzzjonali rispettivi tagħhom.
- (2) Fil-laqgħa tal-Kunsill Ewropew tat-28 u d-29 ta' Ottubru 2010, il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern qablu dwar il-ħtieġa għall-Istati Membri li jistabbilixxu mekkaniżmu permanenti għall-kriżijiet biex tiġi salvagwardjata l-istabbiltà finanzjarja taż-żona tal-euro kollha u stiednu lill-President tal-Kunsill Ewropew biex iwettaq konsultazzjonijiet mal-membri tal-Kunsill Ewropew dwar bidla limitata fit-trattat meħtieġa għal dan l-għan.
- (3) Fis-16/17 ta' Diċembru 2010, il-Gvern Belġjan ippreżenta, f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 48(6) TUE, proposta għal reviżjoni tal-Artikolu 136 TFUE biż-żieda ta' paragrafu skont liema l-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro jistgħu jistabbilixxu mekkaniżmu ta' stabbiltà li għandu jiġi attivat jekk ikun indispensabbli biex tiġi ssalvagwardjata l-istabbiltà taż-żona tal-euro kollha, filwaqt li ddikjara li l-għoti ta' kwalunkwe assistenza finanzjarja meħtieġa taħt il-mekkaniżmu ser ikun soġġett għal kondizzjonalità stretta. Fl-istess waqt, il-Kunsill Ewropew adotta konklużjonijiet dwar il-mekkaniżmu futur ta' stabbiltà (paragrafi 1 sa 4).
- (4) Il-mekkaniżmu ta' stabbiltà ser jipprovdi l-għodda meħtieġa biex jiġu ttrattati tali każijiet ta' riskju għall-istabbiltà finanzjarja taż-żona tal-euro kollha li kien hemm esperjenza tagħhom fl-2010, u għalhekk jgħinu biex tiġi ppreservata l-istabbiltà ekonomika u finanzjarja tal-Unjoni Ewropea nnifisha. Fil-laqgħa tiegħu tas-16 ta' Diċembru 2010, il-Kunsill Ewropew qabel li, peress li dan il-mekkaniżmu huwa mfassal biex jissalvagwardja l-istabbiltà finanzjarja taż-żona tal-euro kollha, l-Artikolu 122(2) TFUE mhux ser jibqa' meħtieġ għal tali finijiet. Għalhekk il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern qablu li m'għandux jintuża għal finijiet bħal dawn.

- (5) Fis-16/17 ta' Diċembru 2010, il-Kunsill Ewropew iddeċieda li jikkonsulta, f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 48(6) tat-TUE, lill-Parlament Ewropew u lill-Kummissjoni, dwar il-proposta. Huwa iddeċieda wkoll li jikkonsulta lill-Bank Ċentrali Ewropew.. [Fi [...dati...], il-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni u l-Bank Ċentrali Ewropew, rispettivament, adottaw opinjonijiet dwar il-proposta.]
- (6) L-emenda tikkonċerna dispożizzjoni li tinsab fit-Tielet Parti tat-TFUE u ma żżidx il-kompetenzi mogħtija lill-Unjoni fit-Trattati,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-paragrafu li ġej għandu jiżdied mal-Artikolu 136 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea:

"3. L-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro jistgħu jistabbilixxu mekkaniżmu ta' stabbiltà li għandu jiġi attivat jekk ikun indispensabbli biex tiġi ssalvagwardjata l-istabbiltà taż-żona tal-euro kollha. L-għoti ta' kwalunkwe assistenza finanzjarja meħtieġa taħt il-mekkaniżmu ser ikun soġġett għal kondizzjonalità stretta.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lis-Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill mingħajr dewmien bit-tlestija tal-proċeduri għall-approvazzjoni ta' din id-Deċiżjoni f'konformità mar-rekwiżiti kostituzzjonali rispettivi tagħhom.

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2013, dment li n-notifiki kollha msemmija fl-ewwel paragrafu jkunu ġew irċevuti, jew, fin-nuqqas ta' dan, fl-ewwel jum tax-xahar wara li tkun waslet l-aħħar waħda min-notifiki msemmija fl-ewwel paragrafu.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi,

Għall-Kunsill Ewropew

Il-President

KARATTERISTIĊI ĠENERALI TAL-MEKKANIŻMU FUTUR
DIKJARAZZJONI MILL-GRUPP TAL-EURO TAT-28 TA' NOVEMBRU 2010

"L-avvenimenti reċenti wrew li diffikultà finanzjarja fi Stat Membru wieħed malajr tista' thedded l-istabbiltà makrofinanzjarja tal-UE kollha permezz ta' diversi kanali ta' kontagġju. Dan huwa partikolarment minnu għaż-żona tal-euro fejn l-ekonomiji, u s-setturi finanzjarji b'mod partikolari, huma marbutin mill-qrib.

Matul il-kriżi attwali, l-Istati Membri taż-żona tal-euro wrew id-determinazzjoni tagħhom li jieħdu azzjoni deċiżiva u kkoordinata sabiex tiġi salvagwardjata l-istabbiltà finanzjarja fiż-żona tal-euro kollha, jekk ikun hemm bżonn, u jreġġgħu t-tkabbir lura fuq triq sostenibbli.

Il-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja (EFSF), b'mod partikolari, għet stabbilita biex tipprovdi assistenza rapida u effettiva ta' likwidità, flimkien mal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Finanzjarja (EFSM) u l-Fond Monetarju Internazzjonali, u abbażi ta' programmi stretti ta' aġġustamenti ta' politika ekonomika u fiskali li għandhom jiġu implimentati mill-Istat Membru affettwat u li jiżguraw is-sostenibbiltà tad-dejn.

Fit-28 u d-29 ta' Ottubru l-Kunsill Ewropew qabel dwar il-ħtieġa li jiġi stabbilit mekkaniżmu permanenti għall-kriżijiet biex tkun salvagwardjata l-istabbiltà finanzjarja taż-żona tal-euro kollha. Il-Ministri tal-Grupp tal-Euro qablu li dan il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES) ser ikun ibbażat fuq il-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja li kapaċi tipprovdi pakketti ta' assistenza finanzjarja lill-Istati Membri taż-żona tal-euro skont kriterji stretti ta' kondizzjonalità f'konformità mar-regoli tal-EFSF attwali.

L-MES ser jikkomplementa l-qafas il-ġdid ta' governanza ekonomika msaħħa, li għandu bħala għan sorveljanza ekonomika effettiva u rigoruża, li ser tiffoka fuq il-prevenzjoni u ser tnaqqas b'mod sostanzjali l-probabbiltà li tqum kriżi fil-futur.

Ir-regoli ser ikunu adattati sabiex jipprovdu parteċipazzjoni każ b'każ tal-kredituri tas-settur privat, b'mod kompletament konsistenti mal-linji ta' politika tal-FMI. Fil-każijiet kollha, sabiex ikunu protetti l-flus ta' min iħallas it-taxxi, u biex jintbagħat sinjal ċar lill-kredituri privati li l-pretensjonijiet tagħhom huma subordinati għal dawk tas-settur uffiċjali, is-self tal-MES ser igawdi status ta' kreditur ippreferut, inferjuri biss għas-self tal-FMI.

L-assistenza provduta lil Stat Membru taż-żona tal-euro ser tkun ibbażata fuq programm strett ta' aġġustament ekonomiku u fiskali u fuq analiżi rigoruża tas-sostenibbiltà tad-dejn imwettqa mill-Kummissjoni Ewropea u l-FMI, flimkien mal-BĊE.

Abbażi ta' dan, il-Ministri tal-Grupp tal-Euro ser jieħdu deċiżjoni unanima dwar l-għoti ta' assistenza.

Għall-pajjiżi meqjusin bħala solventi, abbażi tal-analiżi tas-sostenibbiltà tad-dejn imwettqa mill-Kummissjoni u mill-FMI, flimkien mal-BĊE, il-kredituri tas-settur privat jġu mħeġġa jżommu l-espożizzjoni tagħhom skont ir-regoli internazzjonali u f'konformità sħiħa mal-prattiki tal-FMI. Fil-każ mhux mistenni li pajjiż jidher li huwa insolventi, l-Istat Membru għandu jinneogzja pjan komprensiv ta' ristrutturar mal-kredituri tas-settur privat tiegħu, f'konformità mal-prattiki tal-FMI bil-ħsieb li s-sostenibbiltà tad-dejn tiġi restawrata. Jekk is-sostenibbiltà tad-dejn tista' tintlaħaq permezz ta' dawn il-miżuri, l-MES jista' jipprovdi assistenza ta' likwidità.

Sabiex dan il-proċess jiġi ffaċilitat, ser jġu inklużi klawnsoli ta' azzjoni kollettiva (CACs) standardizzati u identiċi b'tali mod li l-likwidità tas-suq tiġi preservata, skont it-termini u l-kondizzjonijiet tal-bonds tal-gvern il-ġodda kollha taż-żona tal-euro, li jibdew f'Ġunju 2013. Dawk is-CACs ikunu konsistenti ma' dawk komuni taħt il-liġi tar-Renju Unit u l-Istati Uniti wara r-rapport tal-G10 dwar is-CACs, inklużi klawnsoli ta' aggregazzjoni li jippermettu li t-titoli tad-dejn kollha maħruġa minn Stat Membru jitqiesu flimkien fin-negozjati. Dan jippermetti lill-kredituri biex jieħdu deċiżjoni b'maġġoranza kwalifikata waqt li jaqblu dwar bidla legalment vinkolanti fit-termini tal-pagament (moratorju, estensjoni tal-maturità, tnaqqis fir-rata tal-interessi u/jew haircut (telf impost)) fil-każ li d-debitur ma jkunx jista' jħallas.

L-Istati Membri ser jistinkaw biex itawlu l-maturità tal-ħruġ tal-bonds il-ġodda tagħhom fil-perijodu medju sabiex jevitaw il-perijodi ta' konċentrazzjoni għolja ta' rifinanzjament.

L-effettività ġenerali ta' dan il-qafas ser tiġi evalwata fl-2016 mill-Kummissjoni, flimkien mal-BĊE.

Aħna niddikjaraw mill-ġdid li kwalunkwe involviment mis-settur privat ibbażat fuq dawn it-termini u l-kondizzjonijiet ma jkunx effettiv qabel nofs l-2013.

Il-President tal-Kunsill Ewropew Herman Van Rompuy indika li l-proposta tiegħu dwar bidla limitata għat-trattat li ser jippreżenta lill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa li jmiss tiegħu, ser tirrifletti d-deċiżjoni tal-lum."

**DIKJARAZZJONI MILL-KAPIJET TA' STAT JEW TA' GVERN TAŻ-ŻONA TAL-
EURO U L-ISTITUZZJONIJIET TAL-UE**

Il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern taż-żona tal-euro u l-istituzzjonijiet tal-UE għamluha ċara, kif jidher hawn taħt, li huma jinsabu lesti biex jagħmlu dak kollu li huwa meħtieġ biex tiġi żgurata l-istabbiltà taż-żona tal-euro kollha. L-euro huwa u ser jibqa' parti ċentrali tal-integrazzjoni Ewropea. B'mod partikolari, il-Kapijiet għamliu appell għal azzjoni determinata fl-oqsma li ġejjin:

- a) **L-implimentazzjoni sħiħa tal-programmi eżistenti:** aħna nilqgħu l-progress impressjonanti li sar fl-implimentazzjoni tal-programm Grieg u l-programm ta' aġġustament maqbul għall-Irlanda, inkluża l-adozzjoni tal-baġit 2011.
- b) **Iż-żamma ta' responsabbiltà fiskali:** aħna lkoll impenjati biex nimplimentaw strettament ir-rakkomandazzjonijiet tal-politika baġitarja, filwaqt li nirrispettaw bis-sħiħ il-miri fiskali għall-2010 u l-2011, u biex nikkoreġu l-iżbilanċi eċċessivi fl-iskadenzi maqbula.
- c) **Iż-żieda tat-tkabbir li jsaħħaħ ir-riformi strutturali:** aħna determinati biex naċċeleraw ir-riformi strutturali biex insaħħu t-tkabbir.
- d) **It-tisħiħ tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u l-implimentazzjoni ta' qafas ġdid ta' makrosorveljanza** mis-sajf 2011.
- e) **L-iżgurar tad-disponibbiltà ta' appoġġ finanzjarju adegwat permezz tal-EFSF sakemm jidħol fis-seħħ il-mekkaniżmu permanenti:** aħna ninnutaw li ġie allokat biss ammont limitat ħafna mill-EFSF b'appoġġ għall-programm Irlandiż.

- f) **Aktar tisħiħ tas-sistema finanzjarja** kemm fir-rigward tal-qafas regolatorju u dak superviżorju kif ukoll fit-twettiq ta' testijiet ġodda dwar l-istress fis-settur bankarju.
- g) **L-espressjoni ta' appoġġ sħiħ għall-azzjoni tal-BĊE:** aħna nappoġġaw lill-BĊE fir-responsabbiltà indipendenti tiegħu biex jiżgura l-istabbiltà tal-prezzijiet, biex jiġu ankrati b'mod solidu l-aspettattivi dwar l-inflazzjoni u b'hekk isir kontribut għall-istabbiltà finanzjarja taż-żona tal-euro. Aħna ninsabu impenjati biex niżguraw l-indipendenza finanzjarja tal-banek ċentrali tal-Eurosistema.

Fix-xhur li ġejjin l-elementi ta' din l-istrateġija ser jiġu żviluppati aktar bħala reazzjoni komprensiva għal kull sfida, bħala parti mill-governanza ekonomika ġdida tagħna.

=====